MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 433/2005

**Ian Abaela Fitzpatrick u Joseph Abela Fitzpatrick f'isimhom personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mediterranean Coast deliveries Company Limited (C 23640)**

**Vs**

**Michele Belfiore (Passaport Taljan AE4979807) u Angela Galata' (Passaport Taljan AG4118259) f'isimhom personali u in rapprezentanza tas-socjeta Denisely Limited (C 25783) kif ukoll fil-kwalita taghhom ta garanti in solidum flimkien ma Lennart Ronny Sjolander**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Frar 2005 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta elf u hames mitt lira (LM1500) rapprezentanti parti mill-kera ta ghamara mikrija lill-konvenut Lennart Sjolander skond skrittura privata datata

31 ta Lulju 2003 esebita u markata Dok A liema obbligu ta hlas jinkombi fuq il-konvenuti kollha in vista tas-solidarjeta fil-garanzija li huma taw fuq il-precitata skrittura.
Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Belfiore u tas-socjeta Denisely Limited prezentata fit-3 ta Marzu 2005 fein ikkontestaw it-talba tal-atturi ghal diversi ragunijiet u cioe:
a) In-Nullita tal-avviz stante li ma giex osservat l-artikolu 174 (2b) Kap 12;
b) In-nullita tal-avviz peress illi dan ma giex notifikata lill-eccippjenti wkoll bil-lingwa taljana;
c) Illi l-konvenuti konjugi Belfiore kwantu mharka f'isimhom personali ma humiex il-legittimi kontradditturi;
d) Illi l-eccippjenti ma gewx kostitwiti bhala garanti fil-precitat kuntratt;
e) Illi fl-aghar ipotesi huma jistghu jigu biss meqjusa bhala garanti ghall-konvenut Sjolander in kwantu pattwit fi klawsola numru 6 biss;
f) Illi l-konvenut Sjolander ghandu jigi kkunsidrat bhala uniku debitur u fi kwalunkwe kaz l-eccippjenti qieghdhin minn issa jissollevaw il-beneficcju tal-eskussjoni u tal-qsim tad-dejn.
Bl-ispejjes kontra l-atturi

Illi l-konvenut Lennart Ronny Sjolander jidher li ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talbiet tal-atturi.

Illi fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005 il-konvenuti konjugi Belfiore u Denisely Limited irtiraw l-ewwel zewg eccezzjonijiet tramite l-konsulent legali taghhom u l-kawza thalliet biex jinstemghu l-provi fuq it-tielet eccezzjoni u cioe jekk l-attur kien gustifikat o meno li jharrek lill-istess konjugi Belfiore f'isimhom personali.

Illi permezz ta sentenza moghtija minn dan it-Tribunal datat 14 ta Lulju 2006 gie deciz li t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti konjugi Belfiore u Denisely Limited kellha tigi respinti u kwindi ghalhekk dan il-kaz

seta jipprosegwi anke kontra l-konjigi Belfiore f'isimhom personali;

Rega ra l-provi prodotti kollha nkluz id-dokumenti esbiti fuq il-meritu.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi a skans ta repetizzjoni dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal
konsiderazzjonijiet sollevati minnu fis-sentenza tieghu precitata. In
segwitu ghall-istess pero gie prezentat dokument iehor sinifikanti da
parti tal-atturi markat bhala Dok RM minn fejn jirrizulta fi klawsola
numru hamsa illi l-eccippjenti kollha kienu dahlu bhala garanti solidali
mad-debitur principali fuq l-obbligu ta hlasijiet minnu assunti.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta bic-car li r-raba
u hames eccezzjoni wkoll ghandhom jigu respinti, filwaqt illi ghar-
rigward l-ahhar eccezzjoni jinghad illi d-debitu huwa wiehed solidali u
ma jistax ikun hemm il-qsim tieghu ghalkemm hija dejjem riservata id-
dritt ta azzjoni favur l-istess garanti kontra d-debitur principali.

Illi dwar l-ammont mitlub dan jinsab soddisfacentement ipprovat mill-
provi migjuba oltre ghall-fatt li ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni
vera u proprja dwar il-kwantum mitlub.

Ghal dawn il-mottivi ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad ir-raba, l-hames u s-sitt

eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti konjugi Belfiore proprio et nominee, jiddikjara lil-konvenuti kollha huma debituri solidalment bejniethom favur l-atturi fis-somma ta elf u hames mitt lira u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta elf u hames mitt lira (Lm1500) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta kull skadenza rispettiva u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza nkluz tal-precitata sentenza a kariku tal-istess konvenuti kollha solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------